MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 106/2006

**Anthony Cutajar I.D. 488562(M)**

**Vs**

**Emmanuel Delicata & Sons Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fl-14 ta' Frar 2006, fejn gie premess illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici fis-somma ta' elf mija u seba' Liri Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm1,107.45), liema somma tirrapprezenta kummissjoni dovuta lilu mill-bejgh tal-prodotti tas-socjeta` konvenuta.

Illi s-socjeta` konvenuta, minkejja li nterpellata biex thallas dan l-ammont baqghet inadempjenti, u ghalhekk l-attur talba lit-Tribunal sabiex ghar-ragunijiet msemmija jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallsu s-somma ta' elf

mija u seba` Liri Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm1,107.45) dovuti kif hawn fuq spjegat. Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Dicembru 2004.

Ra r-**Risposta** tal-24 ta' Marzu 2006 tas-socjeta` konvenuta, li permezz taghha eccepiet illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante illi s-socjeta` konvenuta m'ghandha taghti xejn lill-attur kif ser jigi ampjament pruvat fil-mori tal-kawza.

Sema` x-xhieda kollha prodotti u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti;

Ra illi fis-seduta tal-11 ta' April 2007, il-kawza thalliet ghall-lum ghad-decizjoni, u dan wara illi d-difensuri tal-partijiet iddikjaraw illi ma ghandhomx aktar provi u trattaw il-kawza.

**Ikkunsidra** :

Illi l-attur qed jaghmel din it-talba ghall-*commission* li jghid dovuta lilu fuq il-bejgh illi ghamel meta impjegat bhala salesman mas-socjeta` konvenuta, anke jekk ma lahaqx gabar il-flus hu peress illi telaq mill-impjieg.

Il-kontestazzjoni ewlenija tas-socjeta` konvenuta tidher illi hija illi, la darba l-attur ma gabarx il-flus hu – allura mhux intitolat ghalihom hu.

Infatti, Pierre Musu` (27.11.06), Financial Controller ta-socjeta` konvenuta, jghid illi "*sa l-14 ta' Frar 2006, commissions fuq sales maghmulin u konkluzi mill-attur Anthony Cutajar kienu jammontaw ghal disa` mija u tnejn u tletin Liri Maltin (Lm932). Dawn il-flus ghadhom ghand il-kumpanija ……. huma mizmumin ghand il-kumpanija minhabba dan il-kaz pendenti*".

Mario Delicata, (12.02.07), Direttur tas-Socjeta` konvenuta jghid illi "*….s-sitwazzjoni normali hija li s-salesman ikun kkonkluda l-bejgh u l-commission tinghata*

*lil dak is-salesman talli giet konkluza dak il-bejgh, u allura hemm rabta bejn il-commission u l-bejgh illi jkun sar*".

Filwaqt illi jghid illi ma hemmx dokumenti in sostenn tal-policies tal-kumpanija – jghid wkoll "*…..dwar il-bdil tar-rotot tas-salesmen, mhinix cert mija fil-mija dwar kif jithallsu l-commissions*".

Carmel Grixti, ex-impjegat tas-socjeta` konvenuta (11.10.06) jghid illi "*ma kienx necessarju illi s-saleman jigbor il-flus hu personalment biex jiehu l-commission tieghu. Seta` jigborhom salesman iehor",* Jghid wkoll illi "*sakemm domt hemmek jiena, kienu ngabru ammont sostanzjali tal-flus tal-bejgh li kien ghamel l-attur Anthony Cutajar*".

Illi allura dan it-Tribunal irid jippronunzja ruhu u jiddeciedi dwar zewg punti importanti mertu tal-pendenza odjerna :

1) Humiex dovuti *commission*s fuq is-sales konkluzi mill-attur meta kien fl-impjieg mas-socjeta` konvenuta, anke jekk il-flus ma gabarhomx hu ghax spicca mix-xoghol tieghu ma' l-istess kumpannija, u

2) Hix dovuta s-somma mitluba ta' elf, mija u sebgha Liri Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm1107.45) jew somma ohra li tista` tirrizulta f'dawn il-procceduri.

Dwar l-ewwel kwistjoni li trid tigi deciza, dan it-Tribunal jaghmel zewg analogiji.

L-ewwel - illi meta sensar fuq kuntratt ta' bejgh li jsir ikun intitolat u jithallas s-senserija, dan jehodha mal-kuntratt finali anke jekk il-kuntratt ikun jistipula bilanc ta' prezz li jkun ghad irid jithallas. Imma gja la darba il-bejgh huwa konkluz, is-sensar jidhol bid-dirtt tieghu ghas-senserija.

It-tieni – illi l-Artikolu 77A tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid illi "*Agent tal-kummerc ghandu jkollu d-dritt ghal*

*kummissjoni fuq transazzjonijiet kummercjali li jsir matul il-perjodu kopert bil-kuntratt ta' agenzija*".

Dawn huma biss analogiji u mhux sitwazzjonijiet identici ghal kaz de quo. Pero` ma hemmx dubbju illi jistghu jghinu lit-Tribunal jasal ghal konkluzjoni ekwa u giusta, fin-nuqqas ta' prova dwar regoli fissi illi kienu japplikaw ghall-impjegati tas-socjeta` konvenuta.

It-Tribunal pero`, ihoss, illi fin-natura stess ta` 'kummissjoni', 'commission', din tigi dovuta una volta illi n-negozju jinghalaq. Kif jispejga Pierre Musu – Financial Controller tas-socjeta` konvenuta (27.11.06) "*il-commission tinghata bhala incentiv lil sales representitives taghna biex ibieghu aktar*". U gia la darba l-bejgh ikun nghalaq – allura l-commission tigi dovuta lill-salesman, independentement minn jekk ikunx gabar il-flus hu jew le u aktar u aktar, f'kaz bhal dan meta l-istess salesman gie fl-impossibilita` illi jigborhom peress illi ma baqghax mpjegat tas-socjeta` konvenuta u allura ma kellu ebda dritt illi jippresenta ruhu ghand il-klijenti tas-socjeta` konvenuta bhala rappresentant ta' l-istess socjeta`konvenuta biex jigbor tali flus.

Kif ighid Mario Delicata, (12.02.07), Direttur tas-Socjeta` konvenuta jghid illi "*….hemm rabta bejn il-commission u l-bejgh illi jkun sar*". Proprju accettat il-principju da parti tas-socjeta` konvenuta allura illi l-commission, jew ahjar id-dritt tal-ommission a favor is-salesman, tiskatta hekk kif appena jkun konkluz il-bejgh, peress illi r-rabta qeghda mal-bejgh u mhux mal-gbir tal-flus.

Fuq kollox huwa ammess u allura pacifiku illi ngabru almenu disa` mija u tnejn u tletin Liri Maltin (Lm932) minn *sales* konkluzi mill-attur.

Dan igib lit-Tribunal ghat-tieni punt li jrid jiddeciedi – dak dwar il-quantum. L-attur jitlob ghall-hlas tas-somma ta` elf, mija u sebgha Liri Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm1107.45) u jibbaza dan fuq Dok AC1 minnu esebit.

Dan l-ammont ma jidhirx ikkontestat mis-socjeta` konvenuta, anke jekk is-socjeta` konvenuta tidher illi tista` tiddikjara illi sal-14 ta' Frar 2006 gabbret disa` mija u tnejn u tletin Liri Maltin (Lm932) minn dawn is-sales illi ghamel l-attur. Il-bilanc ma jidhrix madanakollu illi huwa kkontestat.

Bbazat fuq il-linja ta' hsieb tat-Tribunal hawn fuq maghmul dwar l-ewwel punt li jrid jigi deciz, u cioe` illi l-kummissjoni hija dovuta meta jinghalaq il-bejgh, it-Tribunal sejjer ukoll jghaddi biex jakkorda it-talba attrici fl-intier taghha u mhux limitatament ghas-somma migbura sal-14 ta' Frar 2006.

Dan ghaliex, kif gja jinghad, jidher wkoll mhux kkontestat l-ammont pretiz mill-attur a bazi tas-sales minnu esebiti bhala prova. Jispetta issa lill-kumpanija konvenuta illi tigbor flusha bis-sistemi kollha legali opportuni – u a skans ta' sitwazzjoni fejn it-Tribunal jordna illi ghalissa jithallsu biss disa` mija u tnejn u tletin Liri Maltin (Lm932) u meta jingabru l-bqija, tithallas id-differenza, dan it-Tribunal, b'linja ta' principju hawn fuq enuncjata u a skans ta' dupplikazzjoni ta' proceduri billi jirrizerva d-drittijiet spettanti lill-attur, ihoss illi s-somma <u>kollha</u> mitluba hija dovuta.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, a bazi ta' dak hawn fuq premess, wara illi ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijet tas-socjeta` konvenuta, jilqa` t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur s-somma ta' elf, mija u sebgha Liri Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm1107.45) bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-Avviz.

Bl-ispejjes ta' din l-istanza li ghandhom jigi sopportati mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------